MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 89/2013

**Salvatore Oliveri (AR 3651835)**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

***u***

**l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-10 ta` Novembru 2013 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrent jinsab ghaddej bi proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali akkuzat inter alia talli ikkultiva tmien pjanti Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi fit-termini tal-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, insibu s-segwenti :-*

*"(1B) Ghall-finijiet ta` din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b`riferenza ghal traffikar f`medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f`dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta` informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta` tali medicina bi ksur ta` din l-Ordinanza :*

*Izda dil-kaz ta` importazzjoni f`dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ma jghoddux."*

*Illi ghalhekk l-ikkoltivar anke hija ekwiparata ghar-reat ta` traffikar u l-piena stabbilita hi dik tar-reat tat-traffikar, li fil-kaz in dezamina ggib piena massima ta` ghaxar snin prigjunerija, u in oltre l-minimu tal-piena hija ta` sitt xhur prigunerija liema perjodu huwa tassattiv. (Artikolu 22(2)(b)(i)).*

*Illi inoltre, irid jinghad li Malta rratifikat The United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Pychotropic Substances 1988 fl-1996 fejn l-Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni jghid is-segwenti :-*

*"Subject to its Constitutional Principles and the basic concept of its legal system, each party shall adopt such measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, the possession, purchase or cultivation of narcotic drugs for personal consumption".*

*Illi l-legislatur ma emendax b`xi mod l-artiklu 22(1B) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta` Malta fid-dawl ta` din il-Konvenzjoni ghalhekk il-Qrati taghna ma jinterpretawx il-ligi fl-isfond tal-Konvenzjoni de quo u b`hekk l-ikkoltivar anke ghall-uzu personali hija ekwiparata ghar-reat ta` traffikar.*

*Illi f`dan l-isfond l-esponent qed jipproponi l-lanjanzi ta` indoli kostituzzjonali tieghu u cioe` li l-piena tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u l-Artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*Illi r-rikorrenti jirrileva li filwaqt li jista` jigi argumentat li hemm umiljazzjoni inerenti f`kull piena, huwa rikonoxxut mill-Qorti li piena*

*gudizzjarja, generalment, minhabba element inevitabbli ta` umiljazzjoni, ma tkunx per se ikkonsidrata bhala "degradanti" fit-tifsira tal-Artikolu 3. Il-Qorti tehtieg, gustament, li kriterji ohrajn jigu ppruvati sabiex issib li piena gudizzjarja hija, fil-fatt, kontra l-Artikolu 3.*

*Illi l-Artikolu 3, jipprojbixxi espressament il-piena "inumana" u "degradanti", u b`hekk hija implicita` fl-Artikolu stess, li dan ma jistax jghodd ghall-piena gudizzjarja in generali. Izda l-Qorti Ewropeja ma teskludix li piena gudizzjarja tista` tkun degradanti basta li dan jigi ppruvat. Il-Qorti tat indikazzjoni li jkun biss f`cirkostanzi specjali li sentenza severa tohloq kwistjoni taht l-Artikolu 3. Huwa f`dan il-kaz li wiehed jargumenta, wara li jikkunsidra l-iskop u t-tul tal-piena u l-effetti li ghandha fuq il-bniedem li wiehed jghid li hemm possibilta` ta` ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.*

*Illi r-rikorrent jirrileva li biex piena jew trattament jigu kkonsidrati "degradanti" fit-termini tal-Artikolu 3, ikun mehtieg li l-ghan tal-piena tkun wahda li tant tumilja l-persuna kkoncernata li konsegwenza tali piena, taffettwa hazin il-personalità u d-dinjita` taghha din tkun inkompatibbli mal-Artikolu 3. ("Ranninen v. Finland" - judgment of 16 December 1997, ECHR 1997-VIII, p. 2821-22, §55.)*

*Illi fil-kaz in ezami t-tul tal-piena flimkien mal-effetti potenzjalment hziena hafna li jista` ikun hemm fuq l-individwu u, in oltre, flimkien ma` analizi tal-proporzjonalita` bejn ir-reat u l-piena irendu l-istess reat u piena, fil-kuntest tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, in kontravenzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.*

*Illi hawnhekk irid jinghad ukoll li karatteristika ewlenija tal-Konvenzjoni hija li l-interpretazzjoni taghha hija wahda dinamika. Dan ifisser li l-konkluzjonijiet tal-Qorti jirriflettu t-tibdil fis-socjeta`, fin-normi, fl-istandards u fl-aspettattivi ta` l-istess socjeta`. Kien f`kaz li kien jittratta l-Artikolu 3 li l-Qorti*

*Ewropeja hadet l-opportunità li tirrileva li l-Konvenzjoni huwa strument haj li ghandu jigi interpretat fid-dawl tal-kondizzjonijiet tal-lum. F`dak il-kaz, il-Qorti Ewropeja stabbilit li piena korporali fuq `juvenile offenders`, li kien accettabbli fl-1956, ma kienx ghadu accettabbli fl-1978. ("Tyrer v. the United Kingdom" - judgment of 25 April 1978, Series A no. 26.)*

*Il-Qorti qalet li biex tara jekk piena tmurx kontra l-Konvenzjoni "it cannot but be influenced by the development and commonly accepted standards in the penal policy of the member States of the Council of Europe in this field." Para 31.*

*Illi fil-fatt fil-kaz ta` "Ülke v. Turkey" deciza mill-Qorti Ewropeja fl-24 ta` Jannar 2006 il-Qorti ttrattat piena gudizzjarja, l-effetti tal-piena u jekk il-piena kienet proporzjonata ghar-reat. Hija kkonkludiet, fil-fatt li ma kienx hemm proporzjonita` u b`hekk kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti qalet is-segwenti :*

*"The numerous criminal prosecutions against the applicant, the cumulative effects of the criminal convictions which resulted from them and the constant alternation between prosecutions and terms of imprisonment, together with the possibility that he would be liable to prosecution for the rest of his life, had been disproportionate to the aim of ensuring that he did his military service. They were more calculated to repressing the applicant`s intellectual personality, inspiring in him feelings of fear, anguish and vulnerability capable of humiliating and debasing him and breaking his resistance and will. The clandestine life amounting almost to "civil death" which the applicant had been compelled to adopt was incompatible with the punishment regime of a democratic society.*

*Consequently, the Court considered that, taken as a whole and regard being had to its gravity and repetitive nature, the treatment inflicted on the applicant had caused him severe pain and suffering which went beyond the normal element of humiliation inherent in any criminal sentence or detention. In the aggregate, the acts concerned constituted degrading treatment within the meaning of Article 3."*

*Illi hija l-fehma tal-esponent li l-piena li tista` tigi nflitta ghar-reat li allegatament ghamel ser ikollu effetti negattivi fuqu minhabba t-tul u s-severita` taghha. Inoltre, din il-piena hija sproporzjonata anke jekk wiehed ihares lejha bil-lenti ta` The United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Pychotropic Substances 1988, hawn fuq ikkwotata.*

*Inoltre, id-disposizzjoni tal-ligi hawn fuq imsemmija tmur kontra l-artikolu 49(3) tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union, li gie rez parti mil-ligi domestika inter alia, tramite l-artikolu 3(1) tal-Kap. 460 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan l-artikolu jiddisponi s-segwenti : "The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence".*

*Illi l-esponent isostni li l-piena kontemplata ghar-reat allegatament kommess hu sproporzjonat peress li l-pieni huma dawk ta` traffikar ta` droga meta huwa qatt ma ttraffika jew kellu l-hsieb jittraffika l-istess droga.*

*Ghalhekk ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara l-ligi u l-piena ai termini tal-Artikolu 22(1)(B) u Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, kif spjegat hawn fuq, jiksru l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u dan ghaliex il-piena sproporzjonata u eccessiva ghar-reat li huwa akkuzat bih, u cioe` dak taht l-Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 ;*

*2. Tiddikjara li l-Artikolu 22(1)(B) u Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta jiksru l-Artikolu 49(3) tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union li jifforma parti ntegrali mit-Trattat ta` Lisbona.*

*3. Taghti dawk il-provvedimenti u rimedji li jidhrulha opportuni sabiex jigu ssalvagwardjati u sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent.*

Rat ir-risposta li z-zewg intimati pprezentaw fil-5 ta` Dicembru 2013 u li taqra hekk –

*Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma fis-sens illi "l-piena tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta". Illi bhala rimedju qed jintalab dikjarazzjoni li l-ligi u l-piena stabbiliti ai termini tal-Artikolu 22 (1) (B) u l-Artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta jilledu l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u dan allegatament stante li l-piena stabbilita hija sproporzjonata u eccessiva ghar-reat taht l-Artikolu 8 (c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta. Ir-rikorrenti qed jitlob ukoll dikjarazzjoni li l-Artikolu 22 (1) (B) u Artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 jikser l-Artikolu 49 (3) tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union.*

*Illi l-esponenti jissottomettu illi l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti :-*

*1. Illi in linea preliminari, l-esponenti jissottomettu li l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradditur ai termini ta` l-Artikolu 181B tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas ta` applikabilita` tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union u dan skont dak li jipprovdi l-Artikolu 51 tal-istess Charter ;*

*3. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jissottomettu li l-lanjanza tar-rikorrenti hija wahda intempestiva u dan peress li l-process penali istitwit*

*kontra r-rikorrent ghadu mhux konkluz. Illi f`dan l-istadju lanqas nafu jekk ir-rikorrenti huwiex ser jinsab hati u dan stante li l-procedura ghadha ghaddejja ;*

*4. Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni tieghu rimedju ordinarju sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. F`dan ir-rigward l-esponenti jirreferu ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Infatti, ghal dak li jirrigwarda l-piena r-rikorrenti ghandu a disposizzjoni tieghu r-rimedju fil-forma ta` appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, ma jissussiti ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta` Malta. Fil-fatt, mir-rikors promotur ma jirrizulta xejn car ghall-esponenti kif it-tressiq tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali bl-akkuza li kkultiva l-cannabis tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tieghu u dan minhabba l-piena marbuta ma` dan ir-reat. Fil-fehma tal-esponent, jirrizulta bic-car mill-mod kif inhu redatt il-Kap.101 tal-Ligijiet ta` Malta u senjatament l-artikolu 8 (c) u 22 (1B), illi l-kultivazzjoni tal-cannabis bhala medicina projbita tikkostitwixxi reat. Illi r-rikorrenti ghalhekk ma jistax jilmenta li huwa ser jigi assoggettat ghall-piena li tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti jew ghal xi piena eccessiva ;*

*6. Illi l-Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni tal-1988, li Malta rratifikat fl-1996, jobbliga lill-pajjizi firmatarji li jaddottaw mizuri sabiex il-pussess, ix-xiri u l-kultivazzjolni ta` drogi narkotici ghall-uzu personali jkunu jikkostitwixxu reat, dejjem skond il-qafas baziku tas-sistema legali tal-pajjiz.*

*Illi certament li l-Konvenzjoni tal-1988 ma tistax tigi ccitata bhala corpus legali u dan stante li l-Konvenzjoni taghmel biss stat vis-a-vis l-Istati firmatarji taghha u mhux bejn l-Istat u l-individwu, u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jinvoka ebda strument legali in konnessjoni mal-pretiza lezjoni tad-drittijiet taghhom ghajr il-ligi tal-Istat li tieghu huma cittadini.*

*Illi dan il-principju huwa osservat fil-Qrati taghna wkoll. Bizzejjed wiehed jiccita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta` Awwissu 2001, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mohammed Abdel Monem Abbas" (Appell numru 116/2001 VDG), fejn il-Qorti osservat dan li gej ghar-rigward ta` Konvenzjoni ohra bejn Stati, cioe` dik dwar l-Estradizzjoni "... trattat negozjat, iffirmat u ratifikat mill-Ezekuttiv fih innifsu u wahdu m`ghandux il-forza ta` ligi fil-kamp domestiku. Ma tistax qorti domestika tiehu konjizzjoni direttament ta` trattat internazzjonali ; qorti domestika, pero`, tista` tiehu konjizzjoni ta` trattat*

*internazzjonali in forza ta` ligi domestika" (bhal fil-kaz tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem).*

*Illi, anke dato ma non concesso, li l-Konvenzjoni msemmija jkollha applikazzjoni diretta fi Stat, dan l-artikolu citat mir-rikorrent ma jistax jigi nterpretat u invokat bil-mod kif qed jippretendi r-rikorrent. Jekk wiehed jifli l-kliem ta` dan l-artikolu ghandu jikkonstata li tali artikolu ma josta bl-ebda mod li Malta tqis il-kultivazzjoni ta` xi sustanza projbita bhala li fiha nfisha tikkostitwixxi reat, irrispettivament minn jekk tali kultivazzjoni tkunx ghall-uzu personali jew le.*

*Kjarament, il-legislatur qies il-kultivazzjoni bhala attivita` tant perikoluza li ghazel li jiehu dan il-pass. Ghalhekk ma hemm ebda lacuna fil-ligi taghna izda biss fl-argument tar-rikorrent, u l-kultivazzjoni tal-cannabis f`Malta tista` tkun u fil-fatt hija punibbli irrispettivament minn jekk din setghetx kienet ghall-uzu personali jew altrimenti.*

*7. Illi bhala principju generali l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi hadd ma ghandu jkun suggett ghal piena jew trattament inuman jew degradanti. Illi dwar il-protezzjoni minn trattament inuman, l-esponenti jirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` Frar 2008 fl-ismijiet "<u>Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et</u>" fejn il-Qorti Kostituzzjonali nsistiet fuq il-htiega li ssir distinzjoni bejn trattament inuman u trattament degradanti, ghax filwaqt li hu veru li trattament inuman huwa fih innifsu necessarjament degradanti, pero`, l-invers mhux necessarjament huwa minnu. Illi ghal dak li jirrigwarda l-protezzjoni moghtija mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottometti li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering" (Karen Reid, "<u>A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights</u>" it-tieni edizzjoni [2004] pagna 522). It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" (<u>Tekin v. Turkey</u> deciza fid-9 ta` Gunju 1998).*

*Illi fil-kaz ta` "<u>Tyrer v. UK</u>" citat mir-rikorrent, il-Qorti Ewropeja osservat illi :- "The Court notes first of all that a person may be humiliated by the mere fact of being criminally convicted. However, what is relevant for the purpose of Article 3 is that he should be humiliated not simply by his conviction but by the execution of the punishment which is imposed on him". Kif inghad tajjeb fil-ktieb ta` van Dijk u van Hoof, <u>Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u> (tielet edizzjoni, paragrafu 312) :- "In the Strasbourg case-law the national authorities are allowed a wide margin of appreciation as to the system of sanctions. Thus, the Commission has taken the position that `the Convention does not provide as such any general right to call into question the length of a sentence imposed by a competent court`. Only under exceptional circumstances may a particular sentence raise an issue under Article 3. The mere fact `that an*

*offence is punished more severely in one country than in another does not suffice to establish that the punishment is inhuman or degrading`.*

*Illi l-problemi ta` nuqqas ta` proporzjonalita` jistghu iqumu f`kazijiet ta` indeterminate sentences u mhux f`kaz bhal dak in dizamina fejn wiehed ikun jaf ezatt minn qabel x`inhi l-konsegwenza jekk wiehed jonqos mill-obbligazzjoni tieghu. Illi fil-kaz "Leger v. France" il-Qorti Ewropeja osservat illi "89. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see Ireland v. The United Kingdom, 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162). 90. The Court has previously stated that `one could have ... doubts as to the compatibility with Article 3 of an "indeterminate sentence" imposed on a minor, if it had not been for the specific reasons advanced (see Weeks, cited above, pp. 25 – 26, § 47 ; Hussain, cited above, p. 269, § 53 ; T v. The United Kingdom, cited above, § 99 ; and V. v. the United Kingdom, cited above, § 100). Furthermore, in the case of adults the Court has not ruled out the possibility that in special circumstances an irreducible life sentence might also raise an issue under the Convention where there is no hope of entitlement to a measure such as parole (see Nivette v. France (dec.), no. 44190/98, ECHR 2001-VII ; Einhorn, cited above ; Sawoniuk, cited above ; and Partington v. the United Kingdom (dec.) no. 58853/00, 26 June 2003)".*

*Illi jsegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat in-nota b`dokumenti (inkluz l-affidavit tieghu) li pprezenta r-rikorrent fit-3 ta` Frar 2014.

Rat nota ohra b`dokumenti ohra li pprezenta r-rikorrent fis-26 ta` Frar 2014.

Semghet ix-xiehda ta` C.O. 116 Helenio Galea fl-udjenza tat-30 ta` Gunju 2014 u rat id-dokument li x-xhud ipprezenta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-Ispettur tal-Pulizija Herman Mula, u d-dokument li kien anness.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Ispettur tal-Pulizija Herman Mula fis-seduta tal-14 ta` Ottubru 2014.

Rat illi l-istadju tal-gbir tal-provi kien maghluq f`din l-udjenza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet.

Rat id-digriet li tat fis-seduta tal-24 ta` Frar 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi tinsab f`qaghda li taghti sentenza llum.

## II. Sintesi tal-provi

**Ir-rikorrent** xehed illi fit-30 ta` April 2012 marru l-Pulizija d-dar tieghu li tinsab Haz-Zebbug. Wara tfittxija sabulu xi pjanti ta` l-cannabis. Ghalhekk haduh il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana. Huwa kkollabora mal-Pulizija u ghamel stqarrija. Kien annuzat bil-koltivazzjoni ta` pjanti tal-cannabis u allura bi traffikar. L-Ispettur koncernat fissirlu li l-koltivazzjoni u t-traffikar huma punibbli bl-istess mod ; l-akkuzi jekk ippruvati jwasslu ghal piena karcerarja ta` bejn is-sitt xhur u l-ghaxar snin.

Xehed illi fl-Italja l-piena mhijiex daqstant iebsa, apparti li l-koltivazzjoni u t-traffikar mhumiex meqjusa l-istess ghall-fini ta` piena. Ighid illi ma jistax jifhem kif seta` jkun akkuzat bi traffikar meta ma hemm l-ebda prova illi kien qed jittraffika d-droga. Isostni li huwa vittma ta` sistema legali ngusta u abbusiva kemm ghalih kif ukoll ghall-familja tieghu. Il-piena li tista` tigi nflitta fil-konfront tieghu tikkostitwixxi umiljazzjoni kbira ghalih. Qal li huwa ma kienx traffikant u ghalhekk ma kellu qatt jigi akkuzat bi traffikar.

**C.O. 116 Helenio Galea** - bhala rapprezentant tad-Direttur tal-Habs - xehed illi kien ilu jahdem fil-Facilita` Korrettiva ta` Kordin ghal dawn l-ahhar 19 il-sena. Ipprezenta l-librett Dok HG 1 li huma l-istruzzjonijiet li jinghataw lil prigunier ghall-ewwel darba l-habs. Ghalkemm persuna ma tkunx applikat ghal *parole*, xorta wahda tista` titlob ghal *sentence planning*. Issir vista minn social worker, psikologu, tabib, u psikjatra. Tista` wkoll tinghata *remission* li tiddependi mill-imgieba tal-prigunier. Mistoqsi mill-Qorti, ix-xhud fisser illi *community work* jinghata biss ghal prigunier li jkun gie kundannat. Stqarr illi meta persuna tehel il-habs, hemm sistema intiza sabiex dik il-persuna tigi reintegrata fis-socjeta`. Persuna li tehel sentenza ta` habs tista` tibbenefika minn tnaqqis ta` terz mill-piena. Biex persuna tibbenefika minn parole, trid tkun eligibbli skond il-ligi. Mhumiex eligibbli persuni li jkun wehlu anqas minn sena habs.

**L-Ispettur tal-Pulizija Herman Mula** xehed illi ilu stazzjonat fl-Iskwadra kontra d-Droga mill-2011. Dwar r-rikorrent, stqarr illi kienet dahlet informazzjoni li kien qed jikkultiva xi pjanti tal-cannabis fir-residenza tieghu. Intalab mandat ta` tfittxija mill-Qorti tal-Magistrati li nghata u li kien ezegwit. It-tfittxija saret minn membri ohra tal-Korp u nstabu tmien pjanti tal-cannabis. Ghalhekk informa lill-Magistrat tal-Ghassa li ghamlet inkjesta u hatret l-esperti. Kienu elevati l-pjanti u r-rikorrent kien arrestat.

Kompla jixhed illi qabel beda l-interrogatorju tar-rikorrent, inghata d-dritt ghal assistenza legali. Ir-rikorrent ghazel li ma jkunx assistit minn avukat. Fl-istqarrija r-rikorrenti ammetta li l-pjanti kienu tieghu u qal li zamm il-pjanti ghandu ghaliex kienu joghgbuh kif ukoll b`kurzita`. Iddikjara r-rikorrenti li hu ma kienx jabbuza mill-cannabis. Ghall-istqarrija kien prezenti interpretu.

Fisser li in segwitu ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Il-kawza waslet fl-istadju tal-provi tal-difiza.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr illi huwa ma marx fir-residenza tar-rikorrent. Fl-istqarrija tieghu, ir-rikorrent kien qal li ma kellux l-intenzjoni li jittraffika d-droga. Qal li dawk il-pjanti kienu ghandu minhabba kurzita` u ghaliex kien ihobb il-pjanti.

## III. Sintesi tas-sottomissjonijiet bil-miktub

### a) Ir-rikorrent

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali, ir-rikorrent jirrileva li l-Art 51 tal-Charter jiddetermina l-kompetenza. Japplika primarjament ghal istituzzjonijiet u korpi tal-UE, b`konformita` mal-principju tas-sussidjarjeta`. L-Art 51 ghandu jigi interpretat fil-kuntest tal-Art 6(2) tat-Trattat tal-UE li jobbliga lill-Unjoni sabiex tirrispetta d-drittijiet fundamentali. Skond il-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-UE, l-obbligu ghar-rispett tad-drittijiet fundamentali jorbot lill-Istati Membri tal-Unjoni meta dawn jagixxu fil-kamp tal-ligi tal-Unjoni (ara : Case 5/88 **Wachauf** deciz fit-13 ta` Lulju 1989 ; u Case 309/96 **Annibaldi** deciz fit-18 ta` Dicembru 1997)

Ir-rikorrent jirreferi ghal Council Framework Decision 2004/757/JHA dwar *"paying down minimum provision on the constituent elements of criminal acts and penalties in the field of illicit drug trafficking"*. Jiccita mir-riassunt li l-UE harget dwar din id-decision u ghad-definizzjoni. Skond ir-rikorrent, hemm trattata l-pieni applikabbli ghal klassijiet ta` drogi skond il-klassifikazzjoni tal-ligi tal-UE. Jinghad illi *"acts linked to drug trafficking include production, manufacture, extraction, sale transport, importation and exportation. Possession and purchase with a view to engaging in activities linked with drug trafficking*

*are also taken into account, as are the manufacture, transport and distribution of precursors. Incitement to drug trafficking, aiding and abetting such activity, and attempting to traffic in drugs are regarded as offences."* Skond ir-rikorrent, il-koltivazzjoni hija eskluza.

Dwar it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet, ir-rikorrent josserva illi ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti, huwa kien qieghed jattakka l-ligi li abbazi taghha kien akkuzat u li biha huwa se jkun gudikat bhala lesiva ghall-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Dwar l-esercizzju tad-diskrezzjoni mill-Qorti skond l-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4(2) tal-Kap 318, ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenzi : "**Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta` Mejju 2004 ; u "**Tefara Teseba Berhe vs Kummissarju tal-Pulizija**" deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-20 ta` Gunju 2007. Jekk il-Qorti jkun jidhrilha li d-disposizzjonijiet tal-ligi li qeghdin jigu kkonstestati x`aktarx huma lezivi ghad-drittijiet fondamentali kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni, ghandha kull dritt tidhol fil-mertu.

In kwantu ghall-mertu, ir-rikorrent jirrileva li fil-proceduri kriminali huwa jinsab akkuzat *inter alia* talli ikkoltiva tmien pjanti Cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) u 8(d) tal-Kap 101. Dawn id-disposizzjonijiet ghandhom jinqraw fid-dawl tal-Art 22(1B). Minn dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li fil-ligi taghna, il-koltivazzjoni hija trattata bl-istess mod bhat-traffikar, bil-konsegwenza illi l-piena ghar-reat ta` traffikar hija l-istess ghar-reat ta` koltivazzjoni. Il-kwistjoni dwar jekk il-pieni ghandhomx ikunu l-istess kienet trattata fis-sentenzi : "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Fabian Galea et**" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta` Lulju 2004 ; **"Ir-Repubblika ta` Malta vs Loreto Attard**" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta` Gunju 1987 ; u **"Il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif**" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta` Ottubru 2001. F`din ta` l-ahhar, il-Qorti kienet qieset illi jekk wiehed jimporta d-droga pero` ma jkunx jaf li hija droga izda jkun jaf li hi xi haga kontra l-ligi, ma jistax juza tali nuqqas ta` intenzjoni bhala difiza. Id-disposizzjoni tal-ligi kienet dikjarat bhala leziva tad-drittijiet fondamentali fil-kawza "**The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre et"** deciza fl-1 ta` April 2005 mill-Qorti Kostituzzjonali.

Dwar l-Art 3 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent jirrileva li hemm projbizzjoni assoluta kontra t-tortura jew t-trattament inuman jew degradanti. Jirreferi ghall-kuncett ta` *positive obligations*, fejn l-Istat ghandu r-rwol li jaghmel dak kollu li jista` sabiex id-drittijiet tal-bniedem ma jigu vvjolati. Jikkontendi li l-legislazzjoni attwali u l-interpretazzjoni restrittiva li l-Qrati taghna jaghtu huwa lesiv tal-protezzjoni li jaghti l-Art 3. Il-fatt li kkoltivar jammonta ghal traffikar juri li l-legislazzjoni attwali ma tiehux in konsiderazzjoni l-intenzjoni tal-akkuzat u b`hekk mhijiex in linea mar-rekwiziti tal-Art 3, u cioe li l-Istat ghandu jaghmel mod li tali ksur ma jsirx. Il-legislazzjoni fiha nnifisha ghandha element ta` trattament inuman u degradanti ghaliex ma hemm l-ebda distinzjoni bejn ikkoltivar u traffikar. Dawn huma zewg azzjonijiet differenti sija fl-intenzjoni u sija fl-azzjoni. Il-piena minima ta` sitt xhur prigunerija jista` jkollha effett hazin fuqu. Huwa rikonoxxjut mill-Qorti Ewropea li piena gudizzjarja, minhabba element inevitabbli ta` umiljazzjoni, ma tkunx per se ikkonsiderata bhala degradanti, izda l-Qorti tibbaza ruhha fuq kriterji ohra. Il-Qorti tat indikazzjoni li jkun biss f`cirkostanzi specjali li sentenza severa tohloq vjolazzjoni ai termini tal-Art 3. F`dan il-kaz, skond ir-rikorrent, huwa car li l-piena hija severa wisq meta kkomparata mar-reat u ma jezistux salvagwardji procedurali sabiex tigi kkontestata l-piena eccessiva. Dan huwa hekk ghaliex l-koltivazzjoni hija ekwiparata mat-traffikar u prova tal-uzu personali ma taghmel ebda differenza ghall-piena.

Skond il-gurisprudenza tal-ECHR, sabiex piena titqies degradanti skond l-Art 3 huwa mehtieg li l-iskop tal-piena irid ikun li tant tumilja l-persuna li teffettwa hazin il-personalita` u d-dinjita tal-persuna. Jirreferi ghas-sentenza "**Ranninen vs Finland**" deciza fis-16 ta` Dicembru 1997 u ghas-sentenza "**Ulke vs Turkey**" deciza fil-24 ta` Jannar 2006, fejn saru konsiderazzjonijiet dwar l-effetti ta` piena u jekk il-piena kenitx proporzjonata ghar-reat. Fil-fatt il-Qorti kkonkludiet li jekk ma hemmx proporzjonalita` ikun hemm vjolazzjoni tal-Art 3.

Skond ir-rikorrent, il-piena li tista` tigi nflitta fuqu hija sporporzjonata anke jekk wiehed ihares lejha mill-ambitu ta` The United Nations Convention

Against Illicit Traffic In Narcotic Drugs and Psychotropic Substances tal-1988, fejn l-Art 3(2) jghid –

*"Subject to its Constitutional Principles and the basic concept of its legal system, each party shall adopt measures as may be necessary to establish as a criminal offence under its domestic law, the possession, purchase or cultivation or narcotic drugs for personal consumption."*

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-piena hija spoporzjonata ghaliex la ttraffika d-droga u lanqas qatt kellu l-intenzjoni li jittraffika d-droga.

**b) L-intimati**

Dwar l-ewwel eccezzjoni, jinghad illi ladarba r-rikorrent qieghed jattakka disposizzjonijiet tal-ligi, l-ilment kellu jigi ndirizzat biss kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent mhux jilmenta minn xi ghemil jew nuqqas lesiv ghall-jeddijiet fondamentali tieghu kommess mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hija accettata l-gurisprudenza illi fil-kazi ta\` impunjazzjoni ta\` ligijiet il-legittimu kontradittur huwa l-Avukat Generali : "**Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta\` Lulju 2000 ; "**George Xuereb vs Registatur tal-Qorti et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta\` Dicembru 2004 ; u "**Anthony Aquilina vs Repubblika ta\` Malta et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonaali fil-24 ta\` Gunju 2011.

Dwar it-tieni eccezzjoni, jinghad illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE mhijiex applikabbli ghaliex il-Karta tapplika biss meta jkun hemm thaddim ta\` ligi tal-UE. Allura meta qrati domestici jkunu qeghdin jittrattaw kwistjonijiet relattivi ghal ligi nazzjonali, dawk il-qrati mhumiex obbligati japplikaw il-Karta, izda ghandhom japplikaw l-protezzjonijiet sanciti fil-

Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea. Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-allegata lezjoni temani minn ligi domestika ; ghalhekk l-ilment johrog `il barra mill-isfera ta` applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Issir riferenza ghas-sentenza tas-26 ta` Frar 2013 moghtija fil-kawza "**Aklagaren vs Hans Akberberg Fransson**" deciza fil-Qorti tal-Gustizzja tal-UE, fejn *inter alia* kien osservat illi *" … the Charter`s field of application so far as concerns action of the Member States is defined in Article 51(1) thereof, according to which the provisions of the Charter are addressed to the Member States only when they are implementing European Union law …"* Ghalhekk it-tieni eccezzjoni ghandha tkun milqugha.

Dwar it-tielet eccezzjoni, l-intimati jissottomettu illi l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent ghadhom pendenti u ghalhekk f`dan l-istadju ma hemmx ic-certezza li r-rikorrent se jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Dwar ir-raba` eccezzjoni, l-intimati jirrimarkaw illi bhala principju generali, persuni li jallegaw ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom m`ghandhomx jippretendu li jighataw rimedju minn qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali, meta seta` kellhom rimedji ordinarji. Issir riferenza ghas-sentenzi : "**Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja**" : deciza fit-18 ta` Mejju 2006 ; "**Tat-Taljan Company Limited vs L-Awtorita tal-Ippjanar**" : 2 ta` Novembru 2001 ; "**Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija**" : 29 ta` Ottobru 1993 ; "**Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et**" : 14 ta` Frar 2002 ; "**John Sammut vs L-Awtorita tal-Ippjanar et**" : 27 ta` Frar 2003 ; "**Adel Mokhtar Al Sakalli vs Onor. Prim Ministru et**" : 7 ta` April 2000 ; "**Teddy Rapa vs Chairman ta` l-Awtorita ta` l-Ippjanar et**" : 31 ta` Mejju 2000 ; "**Mary Green et vs Avukat Generali et**" : 13 ta` April 2007 "**Melita Cable plc vs l-Avukat Generali et**" : 16 ta` Jannar 2006 ; u "**Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**" : 16 ta` Jannar 2006.

Billi l-ilment ta-rikorrent huwa dwar il-piena li tista` tigi nflitta, huwa ghandu ghad-disposizzjoni r-rimedju tal-appell jekk ikun tal-fehma li l-piena nflitta hija ngusta.

Ir-rikorrent jilmenta minn lezjoni tal-Art 36 tal-Kostituzzjoni. Issir riferenza ghas-sentenza tal-19 ta` Frar 2008 moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Calleja et vs Kummissarju tal-Pulizija et**". Il-Qorti qalet illi kien hemm bzonn li ssir distinzjoni bejn trattament inuman u trattament degradanti ghaliex filwaqt li trattament inuman huma minnu innifsu degradanti, trattament degradanti ma jfissirx li huwa inuman.

Dwar l-Art 3 tal-Konvenzjoni, jinghad illi "*inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*" (ara : ECHR : "**Peers vs Greece**" deciza fid-19 ta` April 2001 ; u "**Yancov vs Bulgaria**" deciz fil-11 ta` Dicembru 2003).

Dwar it-tifsira tal-kelma "*tikkoltiva*" l-intimati jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali "**Adrian Marmara et vs L-Avukat Generali et**" deciza fis-16 ta` Dicembru 2013.

Dwar l-piena, jinghad li l-Istati ghandhom margini ta` apprezzament wiesgha meta jigu biex jiddeciedu x`piena ghandha tigi erogata ghal reat partikolari (ara : ECHR : "**Murray vs Netherlands**" deciza fid-19 ta` Novembru 2013 ; Qorti Kostituzzjonali : "**Lawrence Gatt vs Onorevoli Prim Ministru**" deciza fis-17 ta` Novembru 2008 ; u "**Ian Xuereb vs Onor. Prim Ministru"** deciza fl-10 ta` Lulju 2009.

Dwar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti citata mir-rikorrent, l-intimati jghid li huwa principju risaput illi direttiva, trattat jew konvenzjoni internazzjonali, huma ntizi biss sabiex joholqu parametri u standards ta\` legislazzjoni bil-ghan illi jkun hemm aktar uniformita\` legislattiva bejn il-pajjizi firmatarji. Cio\` nonostante xorta wahda kull Stat jibqa\` liberu li jaghmel ligijiet u jmorru oltre l-minimu ndikat. Ghalhekk jekk il-legislatur Malti dehrlu li kellu jkun aktar sever fir-rigward tal-koltivazzjoni, oltre dak preskritt mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-rikorrent ma jistax jilmenta minn lezjoni ghall-jeddijiet fondamentali tieghu.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

### 1) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

L-Avukat Generali jikkontendi li l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradditur tar-rikorrent billi dan qieghed jilmenta li disposizzjonijiet ta\` ligi partikolari qeghdin jilledu d-drittijiet fondamentali tieghu ; u f\`kazi ta\` din ix-xorta, huwa biss l-Avukat Generali li ghandu jwiegeb ghall-ilment.

L-**<u>Art 181B tal-Kap 12</u>** jaqra hekk :-

*(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta\` dan l-artikolu :*
*(a) kawzi ghall-gbir ta\` ammonti dovuti lill-Gvern jistghu f\`kull kaz isiru mill-Accountant General ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta\` servizz mal-Gvern jistghu f\`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistghu f`kull kaz`isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

***(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad- dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*** (enfasi tal-qorti)

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**Anthony Aquilina vs Repubblika ta` Malta**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Fil-kaz`odjern qeghdha tigi attakkata l-validita` tal-Artikolu 5(2) u (3) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta u qeghdin jintalbu dawk ir-rimedji necessarji biex jitharsu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent inkluz` il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu bil-provvedimenti in kwistjoni. Ma jistax allura jigi argumentat li l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur. Kif spjegat din l-istess Qorti fil-kawza "Joseph Bartolo vs Onorevoli Prim Ministru et", deciza fis-27 ta` Frar 2009, talba ghar-rimedji ghall-pretiza vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent sanciti fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni, (bhal fil- kaz`odjern) ghandha tigi diretta fil-konfront tal-"Avukat Generali".*

Ghalkemm il-mertu ta` dik is-sentenza kien ghal kollox divers minn dak tal-kawza tal-lum, hemm *common denominator* bejn it-tnejn u cioe` li fit-tnejn qeghdin jigu attakkati disposizzjonijiet specifici tal-ligi ghax qed jigi allegat li huma lesivi ghal drittijiet fondamentali tal-individwu.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta car li ladarba ma rrizultax li l-Kummissarju tal-Pulizija ghamel xi att jew omissjoni kontra r-rikorrent b`xi mod leziva tal-Art 3 tal-Konvenzjoni u tal-Art 36 tal-Kostituzzjoni, huwa kellu jithalla barra ghal kollox mill-azzjoni.

Ghall-istanza tar-rikorrent **<u>kif dedotta</u>**, ghandu jwiegeb l-Avukat Generali **<u>wahdu</u>**.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tilqa`</u> l-ewwel eccezzjoni u tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju.**

**2) <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

L-**<u>Art 51</u>** ta` l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jaqra hekk :-

*1. The provisions of this Charter are addressed to the institutions and bodies of the Union with due regard for the principle of subsidiarity and to the Member States only when they are implementing Union law. They shall therefore respect the rights, observe the principles and promote the application thereof in accordance with their respective powers.*

*2. This Charter does not establish any new power or task for the Community or the Union, or modify powers and tasks defined by the Treaties.*

Dwar l-applikabilita ta` l-Karta, il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Gustizzja tal-UE fil-kawza "**<u>Robert Pfleger, Autoart as, Mladen Vucicevic, Maroxx Software GmbH, Hans-Jörg Zehetner vs Austria</u>**" li kienet deciza fit-30 ta` April 2014, fejn qalet -

*It should be recalled in this respect that the Charter`s field of application so far as concerns action of the Member States is defined in Article 51(1) of the Charter, according to which its provisions are addressed to the Member States only when they are implementing EU law (Case C 617/10 Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 17).*

Fil-procediment tal-lum, jirrizulta bl-aktar mod evidenti illi r-rikorrent mhuwiex qed jilmenta dwar xi direttiva jew trattat tal-UE izda dwar ligi penali domestika.

Il-procediment tal-lum ma jirrigwardax t-twettieq ta` ligi tal-UE.

Ghalhekk ir-riferenza tar-rikorrent ghall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma tistax issib applikazzjonio fil-kaz tal-lum.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` t-tieni eccezzjoni.**

**3) <u>It-tielet u r-raba` eccezzjonijiet</u>**

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma relatati u ghalhekk il-Qorti sejra tittrattahom flimkien.

**<u>L-Art 46 tal-Kostituzzjoni</u>** jaqra hekk –

*(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta` dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x`aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim`Awla tal-Qorti Civili f`Malta tista` tahtar ad istanza ta` xi persuna li hekk tallega, tista`, bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista` ssir legalment, titlob lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*

*(2) Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta` kull wahda mid-disposizzjonijiet ta` l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-Qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.*

**<u>L-Art 4(2) tal-Kap 319</u>** jaqra hekk –

*Il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma` u tiddeciedi kull talba mag]mula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu, u tista` taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna :*

*Izda l-qorti tista`, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f`kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra.*

**<u>Fuq il-pjan tad-dritt</u>**, il-Qorti tirrileva li l-possibilita` ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ghal allegat ksur ta` jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala **<u>stat ta` fatt attwali u obbjettiv</u>**, u d-diskrezzjoni ta` l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "*jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel*" minhabba l-ezistenza ta` rimedju iehor hija decizjoni fuq tali **<u>stat ta` fatt</u>.** Huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor **<u>effettiv</u>** lir-rikorrent li l-Qorti tista` tiddelibera li ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment. Izda anke f`kaz li jirrizulta li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqghalha s-setgha li tiddeciedi li ma ccedix l-esercizzju tas-setgha taghha.

Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f`dan ir-rigward trid titwettaq b`mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex minn naha wahda, il-Qrati ta` indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b`kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni.

L-esistenza ta` rimedju iehor, jekk inhu l-kaz, ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser. Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur. Ma hemmx ghalfejn li, sabiex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-rikorrent success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista` jigi segwit b`mod prattiku, effettiv u effikaci.

Diversi kienu s-sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn kien determinati l-principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji, hemm li –

(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali.

(b) Ghandha torbot id-diskrezzjoni tal-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma` kawza ta` natura kostituzzjonali, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta` illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha.

(c) Ma hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu ta` din id-diskrezzjoni, billi kull kaz irid jitqies fuq il-fatti u c-cirkostanzi tieghu.

(d) In-nuqqas wahdu ta` tehid ta` mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta` xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma` l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent.

(e) In-nuqqas ta` tehid ta` rimedju ordinarju – ukoll jekk seta` kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgieba ta` haddiehor m`ghandux ikun raguni biex il-Qorti ma tezercitax is-setghat taghha li tisma` l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent.

(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni.

(g) Meta r-rimedju jaqa` fil-kompetenza ta` organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent sejjer iwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta` xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.

Fuq kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata bi prudenza, u b`mod li fejn jidher li hemm ksur serju ta` drittijiet fondamentali jew anke fejn sejjer ikun hemm ksur ta` dawk id-drittijiet, allura l-Qorti ghandha xxaqleb lejn it-twettieq ta` dawk is-setghat.

Ghall-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ssib il-konfort ta` dawn is-sentenzi : Qorti Kostituzzjoni - 31.5.1999 –"**Zahra vs Awtorita` tal-Ippjanar**" (Kollez. Vol:LXXXIII.i.179) ; Qorti Kostituzzjonali - 27.2.2003 – "**Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar et" ;** Qorti Kostituzzjonali - 5.4.1991 – "**Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Kollez. Vol:LXXV.i.106) ; Qorti Kostituzzjonali - 7.3.1994 – "**Vella vs Bannister et**" (Kollez. Vol: LXXVIII.i.48) ; Qorti Kostituzzjonali -12.12.2002 – **"Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 14.5.2004 – "**Axiaq vs Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku";** Qorti Kostituzzjonali – 31.10.2003 – "**Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 9.10.2001 – "**McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et**" ; Qorti Kostituzzjonali – 25.6.1999 – "**Spiteri vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et**" (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201) ; Qorti Kostituzzjonali – 7.4.2000 – "**Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et".**; Qorti Kostituzzjonali – 31.5.2000 – "**Rapa v. Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et**" **;** Qorti Kostituzzjonali – 16.1.2006 – "**Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**" ; Qorti Kostituzzjonali – 6.1.2006 – "**Melita Cable p.l.c. v. L-Avukat Generali et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 13.4.2007 – **"Green et v. Avukat Generali et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 7.9.2007 – **"Chircop v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et" ;** Qorti Kostituzzjonali – 27.2.2009 – **"Xuereb et v. Direttur tax-Xogholijiet et"** ; Qorti Kostituzzjonali – 15.1.1991 – "**Balzan v. Prim Ministru et ;** Qorti Kostituzzjonali – 14.6.1995 – **"Briffa v.Kummissarju tal-Pulizija".**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

*Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il- kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli.*

Dwar il-kaz tal-lum, u riferibbilment ghat-tielet eccezzjoni, din il-Qorti ma ssib xejn intempestiv il-fatt li r-rikorrent gab il-lanjanza tieghu quddiem din il-Qorti minflok halla l-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu jigu decizi b`mod definittiv.

Ghalkemm mhuwiex kontestat li l-azzjoni kriminali kontra r-rikorrent ghadha pendenti, il-Qorti hija tal-fehma, bla ma tqis f`dan l-istadju l-fondatezza o meno tal-istanza tar-rikorrent fil-mertu taghha, illi kien ghal kollox legittimu ghar-rikorrent li jittenta l-azzjoni tal-lum, anke fil-pendenza tal-azzjoni kriminali, ladarba lmenta li l-fatti addebitati lilu ma jammontawx ghal traffikar, u kwindi l-piena ghal traffikar, kemm fil-minimu u kif ukoll fil-massima taghha, fil-fehma tieghu, tikkostitwixxi lezjoni ta` indole kostituzzjonali u konvenzjonali, stante li – skond hu – ma kkommettiex traffikar.

Bil-kawza tal-lum, ir-rikorrent qieghed jattakka l-validita` tal-Art 22(1B) u 22(2) (b)(i) tal-Kap 101. Fl-ispecifiku qieghed jikkontesta bhala lesiv ghall-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tieghu l-fatt li l-koltivazzjoni u t-traffikar ta` Cannabis igorru maghhom l-istess piena. Din il-Qorti tghid illi fic-cirkostanzi r-rikorrent ma kellux rimedju ordinarju biex javvanza l-lanjanza tieghu. Certament ma jistghux l-intimati jippretendu li r-rikorrent kellu **rimedju effettiv** bil-fatt li kellu kull jedd imur ghall-appell fil-kaz li tinsab htija skond dawk id-disposizzjonijiet fl-ewwel istanza. Jekk ir-rikorrent qieghed jikkontendi l-piena fil-minimu u fil-massimu taghha ghal kkoltivar m`ghandhiex tkun ekwiparata ghal traffikar, appell mhux se jaghti lir-rikorrent rimedju effettiv ghaliex anke jekk qorti fl-istadju ta` appell kellha taghtih piena minima, ir-rikorrent qieghed jikkontesta l-piena anke fil-minimu taghha. Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-lanjanza tar-rikorrent kif dedotta tista` tigi ndirizzata biss quddiem din il-Qorti, fil-gurisdizzjoni kostitituzzjonali taghha.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad t-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.**

**4) Il-mertu**

**a) Dritt**

**Ir-rikorrent qieghed jilmenta minn lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu kif tutelati bl-Art 36 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 3 tal-Konvenzjoni.**

L-ewwel (1) subinciz tal-**Art 36 tal-Kostituzzjoni** jaqra hekk :-

*Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

It-tieni (2) subinciz tal-istess artikolu jghid :-

*Ebda haġa li hemm fi jew maghmula skont l-awtorità ta` xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma` jew bi ksur ta` dan l- artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-ghoti ta` xi deskrizzjoni ta` piena li kienet legali f`Malta minnufih qabel il- ġurnata stabbilita.*

***Kwazi*** ghal kollox bhall-ewwel (1) subinciz tal-Art 36 tal-Kostituzzjoni, **l-Art 3 tal-Konvenzjoni** jaqra hekk –

*Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

**L-ilment tar-rikorrent jirrigwarda l-Art 22(1)(B) u l-Art 22(2)(b)(i) tal- Kap 101.**

Il-Qorti tirreferi **wkoll** ghall-**Art 8 tal-Kap 101** li jghid :-

*Ikun hati ta` reat kontra din l-Ordinanza kull min -*

*(a) ikollu fil-pussess tieghu (hlief fil-kors ta` transitu minn Malta jew mill-ibhra territorjali taghha), ir-raża mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bażi din ir-raża ; jew*

*(b) jipproduci, ibigh jew xort`ohra jittraffika fir-raża mehuda mill-pjanta Cannabis jew f`xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bażi din ir-raża ; jew*

*(c) jikkoltiva l-pjanta Cannabis ; jew*

*(d) ikollu fil-pussess tieghu (hlief fil-kors ta` transitu minn Malta jew mill-ibhra territorjali taghha) il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l- preparazzjonijiet mediċinali taghha) ; jew*

*(e) ibigh jew xort`ohra jittraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet medicinali taghha).*

Id-disposizzjoni lamentati mir-rikorrenti jghidu hekk :-

**<u>L-Art 22(1)(B)</u>** :-

*Ghall-finijiet ta` din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b`riferenza ghal traffikar f`mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni …*

**<u>L-Art 22(2)(b)(i)</u>** :-

*Kull persuna akkuzata b`reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skont kif jordna l-Avukat Generali, u jekk tinsab hatja tehel, ghal kull reat …*

*meta tinsab hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) …*

*meta r-reat ikun reat taht l-artikolu 4 jew taht l-artikolu 8(c) ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgh jew traffikar ta` medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` din l-Ordinanza jew ikun reat taht is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta` pussess ta` medicina, bi ksur taddisposizzjonijiet ta` din l-Ordinanza, taht tali cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1C) jew (1D) jew (lE), prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta` mhux inqas minn erba` mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87) ;*

**b) <u>Gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali</u>**

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Frar 2002 fil-kawza "**<u>Michael Anthony Henley vs Prim Ministru et</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Trattament inuman huwa tali li deliberatament jikkawza sofferenza mentali jew fizika severa u li fic-cirkostanzi partikolari ma tkunx gustifikabbli. Trattament jitqies li jkun degradanti jekk jumilja gravement lil dak li jkun quddiem ohrajn jew igieghlu jagixxi kontra l-volonta` jew il-kuxjenza tieghu.*

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` April 2013 fil-kawza "**<u>Alfred Degiorgio et vs Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

*25. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw tipi differenti ta` mgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta` severita` wiehed ikbar mill-iehor. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi it-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ghaliex it-tortura ċertament dejjem u f`kull każ tammonta tal-anqas ghal trattament inuman u degradanti.*

*26. Sabiex trattament jaqa` fil-parametri tal-Artikolu 3 jehtieġ li dak it-trattament jilhaq minimu ta` severita` li l-apprezzament tieghu huwa neċessarjament wiehed relattiv li jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ bhan-*

*natura tat-trattament, il-kuntest tieghu, il-mod ta` esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fiżiċi u morali, u f`ċerti ċirkostanzi jistghu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta`, u stat ta` sahha tal-vittma. B`danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa` fil-parametri tal-Artikolu 3 msemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta` sofferenza u umiljazzjoni neċessarjament allaċċjati ma` xi forma partikolari ta` trattament leġittimu jew piena. Miżuri li jnehhu l-liberta` tal-persuna ta` spiss jinvolvu elementi bhal dawk imsemmija iżda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta` miżura leġittima ma ghandhiex tassoġġetta lill-persuna ghal tbatija ta` intensita` tali li teċċedi dak il-livell inevitabbli ta` sofferenza inerenti f`dik il- miżura.*

*27. Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaġuna lill-persuna sofferenza fiżika jew psikika intensa anki jekk minghajr ma jikkaġuna xi feriti jew offiżi fuq il-ġisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f`dak li jkun sentimenti ta` biża`, angoxxia u sens ta` inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tieghu. Dak li imbghad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta` intensita` akbar tas-sofferenza li tiġi inflitta fit-tortura karatterizzata b`ghemil deliberat li jikkaġuna sofferenza mill-aktar serja u kiefra. Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza kkaġunata element iehor li ġie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t- tortura tiġi inflitta bil-ghan li jintlahaq ghan preċiż bhal li tiġi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi hadd.*

Fis-sentenza taghha tas-16 ta` Dicembru 2013 fil-kawza "**Adrian Marmara e vs Avukat Generali et**" il-Qorti Kostituzzjonali, waqt illi kienet qeghda tittratta lment dwar l-Art 7 tal-Konvenzjoni (**mhux** dwar l-Art 3 jew l-Art 36 tal-Kostituzzjoni) qalet hekk dwar l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101 :-

*31. Kif anki dikjarat fir-rikors promotorju tal-gudizzju, ir-rikorrenti jinsabu imputati bir-reat ta` koltivazzjoni tal-pjanta cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal- Ligijiet ta` Malta. Dan l-artikolu jipprovdi kif gej :*

*"Ikun hati ta` reat kontra din l-Ordinanza kull min :*

…

*(c) jikkoltiva l-pjanta Cannabis."*

*L-Artikolu 22(1B) tal-istess Kap. 101 imbaghad jipprovdi definizzjoni tal-kelma "jittraffika" bhala li tinkludi l- koltivazzjoni.*

*32. Il-Kap. 101 ma jaghtix definizzjoni ta` "tikkoltiva" izda l-Qrati ta` kompetenza kriminali kellhom l-okkazzjoni jelaboraw fuq it-tifsira ta` din il-kelma. Hekk gie deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali li meta l-legislatur bl-iktar mod car uza l-kliem "jikkultiva l-pjanta Cannabis" minn dan isegwi li "wiehed jista` jikkultiva l-Cannabis kemm fl-ghelieqi kif ukoll fi qsari u kuntenituri ohra u l-enfasi qieghed fil-kultivazzjoni taghha". Inoltre, b`riferenza ghall-argument difenzjonali li min ma jkunx ipprepara l-art u zera` z-zerriegha ma jkunx hati li kkultiva l-pjanta Cannabis l-istess Qorti fl-istess sentenza rriteniet li "Dan il-mod ta` interpretazzjoni tal-kelma kultivazzjoni pero` … mhux hlief limitazzjoni li l-legislatur evidentement la xtaq jipprovdi u lanqas ipprovda".*

*33. F`okkazjoni ohra l-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri spjegat b`mod car hafna li c-cirkostanza ta` "the exclusive use of the offender" fl-Artikolu 22(2)(b)(i) hi riferibbli unikament ghall-pussess u mhux ukoll ghar-reati l-ohra msemmija fl-istess artikolu. Sentenzi ohra tal-qrati ta` kompetenza kriminali relevanti ghall-materja stabbilew b`riferenza ghar-reat ta` koltivazzjoni previst fl-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 li "il-Qrati dejjem interpretaw dan is-subinciz b`mod rigoruz u qatt ma qaghdu jaghmlu xi differenzi fejn il-ligi ma tiddistingwix" u li "Malli l-appellant zera` mqar zerriegha wahda germinabbli fil-qasrija tal-gizimina u beda jsaqqiha u din iz-zerriegha wahda nibtet (anke jekk fil-wicc tal-hamrija ma kien jidher xejn) kien hemm ir-reat ikkonsmat ta` koltivazzjoni".*

*34. Ghalhekk il-qrati kompetenti gia` elaboraw u spjegaw f`hiex jikkonsisti l-ghemil ta` koltivazzjoni kif ukoll aspetti ohra li jincidu fuq il-piena ghall-istess reat.*

*35. Dak li jidher li qed isostnu l-appellanti hu li l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tirrikjedi li Stat li huwa parti fil-Konvenzjoni ghandu, skont l-Artikolu 3(2) taghha, jistabilixxi bhala reat kriminali il-koltivazzjoni ta` drogi narkotici ghall-uzu personali. Ghalhekk fejn l-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 jipprovdi li l-kelma "jittraffika" tinkludi l-koltivazzjoni dan necessarjament ghandu jigi interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u b`hekk*

*il- koltivazzjoni li ghaliha hemm riferenza fl-Artikolu 22(1B) imsemmi tirreferixxi biss ghal kultivar mhux ghall-uzu esklussiv.*

*36. L-argument hu wiehed sofistiku ghall-ahhar u jimmagina incertezza fejn din ma tezistix. L-appellanti ma ta` ebda ezempju ta` fejn il-Qrati kompetenti identifikaw xi incertezza tali fit-tifsira tal-Artikolu 22(1B) imsemmi. Dan ghaliex it-tifsira tal-Artikolu 22(1B) hi cara ghall-ahhar. Fejn fid-definizzjoni ta` traffikar il-ligi tipprovdi li din tinkludi l-koltivazzjoni l-istess ligi ma kkwalifikatx jew illimitat b`ebda mod il-kelma "koltivazzjoni" u ghalhekk l-appellanti ma jistghux jippretendu li b`hafna tigbid u strakkjar jimponu kwalifika u limitazzjoni li b`ebda mod ma tezisti fil- ligi la espressament u anqas implicitament. Fic- cirkostanzi, ghalhekk, kif gia` inghad, ma hemm ebda htiega ta` xi rikors ghad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex idawwlu l-interpretazzjoni tal- Artikolu 22(1B) ghaliex dan hu car fit-tifsira u l-portata tieghu. Fi kwalunkwe kaz l-interpretazzjoni tad- dispozizzjonijiet penali tispetta lill-qrati ta` kompetenza kriminali u l-iskrutinju ta` din il-Qorti taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja hu limitat filli tiddetermina jekk id-dispozizzjoni legali inkwistjoni bhala tali hijiex tant ekwivoka u nieqsa minn kjarezza li l-individwu ma jistax ikun jaf mill-kliem tad-dispozizzjoni relevanti u, jekk mehtieg, bl-assistenza tal-interpretazzjoni taghha mill- qrati, liema atti u ommissjonijiet jirrenduh kriminalment imputabbli. Din il-Qorti ma tara assolutament ebda tali ekwivocita` fit-tifsira tal-Artikoli 8(c) u 22(1B) tal-Kap. 101.*

*37. L-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 jikkriminalizza l- koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis, kull koltivazzjoni tal- istess pjanta. L-Artikolu 22 tal-istess Kap. imbaghad jistabilixxi l-pieni ghar-reati kollha kontra l-Ordinanza, fosthom dak ta` koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis.*

*Konsistentement mal-fatt li l-Kap. 101 jekwipara l- koltivazzjoni mat-traffikar kif gia` premess, il-piena ghar- reat ta` koltivazzjoni tal-pjanta Cannabis taht l-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 hi l-istess piena komminata ghal min jittrafika medicina bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-istess Kap. In-natura u l-ammont tal-piena applikabbli huma kjarament specifikati fl-artikolu 22(2)(a) u (b) tal-Kap. imsemmi. Fil-kaz ta` sejbien ta` htija mill-Qorti Kriminali l- piena skont l-Artikolu 22(2)(a)(i) hi dik ta` prigunerija ghall- ghomor jew, fic-cirkostanzi previsti fis-subparagrafi (aa) u (bb) tad-dispozizzjoni msemmija, il-piena ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux inqas minn erba` snin izda mhux izjed*

*minn tletin sena flimkien mal-multa specifikata. Fil-kaz ta` sejbien ta` htija mill-Qorti tal-Magistrati l-piena skont l- Artikolu 22(2)(b)(i) hi dik ta` mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin flimkien mal-multa specifikata. Ma hemm xejn li hu incert jew ekwivoku f`dan kollu.*

*38. Argument iehor totalment sofistiku li jintentaw l- appellanti huwa fis-sens li l-allegata mankanza tal-iStat Malti li jiccara d-dispozizzjonijiet tal-ligi "halliet lacuna fil- ligi ghal dik li tirrigwarda piena. M`hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kultivar ghall-uzu personali, u ghalhekk japplika l-principju surriferit nulla poena sine lege." Dan l-argument, izda, huwa mibni fuq premessa falza. Semplicement ma hux minnu li ma hemm l-ebda dispozizzjoni tal-ligi applikabbli ghall-kultivar ghall- uzu personali. Il-"kultivar ghall-uzu personali" skont il-Kap. 101 jammonta ghar-reat ta` koltivazzjoni kontra d- dispozizzjoni tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 u ghalhekk hu previst ghalih il-piena komminata mil-ligi ghal dak ir-reat kif fuq spjegat. Ghal darb`ohra ma hemm ebda incertezza jew ekwivoku kif allegat mill-appellanti.*

**c) <u>Gurisprudenza tal-ECHR</u>**

Fid-decizjoni taghha tad-19 ta` April 2001 fil-kawza "**<u>Peers vs Greece</u>**", l-ECHR qalet hekk –

*The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative ; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her*

*personality in a manner incompatible with Article 3 (see Ranninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, 55) …*

Fid-decizjoni taghha tal-4 ta` Frar 2003 fil-kawza " **Van der Ven vs The Netherlands**", l-ECHR sostniet -

*1. General principles*

*46. The Court reiterates at the outset that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim`s behaviour (see, for example, Labita v. Italy [GC], no. 26772/95, § 119, ECHR 2000-IV).*

*47. The Court further reiterates that, according to its case-law, ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. the United Kingdom, judgment of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).*

*48. Treatment has been held by the Court to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering, and also "degrading" because it was such as to arouse in the victims feeling of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, for example, Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, § 92, ECHR 2000-XI). In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (see V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX). The question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a further factor to be taken into account, but the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a violation of Article 3*

*(see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001-III, and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002-VI).*

*49. Conditions of detention may sometimes amount to inhuman or degrading treatment (see Peers, cited above, § 75). When assessing conditions of detention, account has to be taken of the cumulative effects of those conditions, as well as the specific allegations made by the applicant (see Dougoz v. Greece, no. 40907/98, § 46, ECHR 2001-II).*

*50. While measures depriving a person of his liberty often involve an element of suffering or humiliation, it cannot be said that detention in a high-security prison facility, be it on remand or following a criminal conviction, in itself raises an issue under Article 3 of the Convention. The Court`s task is limited to examining the personal situation of the applicant who has been affected by the regime concerned (see Aerts v. Belgium, judgment of 30 July 1998, Reports of Judgments and Decisions 1998 V, pp. 1958-59, §§ 34-37). In this connection the Court emphasises that, although public-order considerations may lead States to introduce high security prisons for particular categories of detainees, Article 3 nevertheless requires those States to ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (see Kudła, cited above, §§ 92-94).*

Fid-decizjoni taghha tal-11 ta` Dicembru 2003 fil-kawza "**Yancov v. Bulgaria**" l-ECHR qalet hekk –

*In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example, Peers v. Greece, no. 28524/95, 74, ECHR 2001-III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, 101, ECHR 2002-VI).*

*Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of*

*severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, Ireland v. The United Kingdom, judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unvoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, 93-94, ECHR 2000-XI).*

Fid-decizjoni taghha tad-9 ta` Lulju 2013 fil-kawza "**Vinter and Others vs United Kingdom**", il-Grand Chamber tal-ECHR qal :-

*Consequently, the Court is prepared to accept that while, in principle, matters of appropriate sentencing largely fall outside the scope of Convention (Léger, cited above, § 72), a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition. However, the Court also considers that the comparative materials set out above demonstrate that "gross disproportionality" is a strict test and, as the Supreme Court of Canada observed in Latimer (see paragraph 62 above), it will only be on "rare and unique occasions" that the test will be met.*

**d) Risultanzi**

In succinct, il-lanjanza tar-rikorrent tingabar fil-pretensjoni illi bil-fatt illi fil-legislazzjoni Maltija r-reat ta` koltivazzjoni tal-Cannabis iggorr l-istess piena daqs ir-reat ta` traffikar, hemm il-possibilita` reali li jekk fil-proceduri kriminali li huma pendenti kontra tieghu, jinstab hati tar-reat ta` koltivazzjoni tal-Cannabis li bih huwa mixli, u jkun soggett ghal piena ta` bejn minimu ta` sitt xhur prigunerija u massimu ta` ghaxar snin prigunerija, dan *per se* jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti, u kwindi hemm lezjoni tal-Art 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 3 tal-Konvenzjoni. Jikkontendi wkoll illi l-imposizzjoni ta` l-piena fil-parametri taghha sejra jkollha effett psikologiku

negattiv fil-konfront tieghu kif ukoll riperkussjonijiet negattivi ohra fuq il-hajja tieghu personali u tal-familja tieghu.

Huwa evidenti mill-gurisprudenza estensiva li ccitat din il-Qorti kemm mid-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali kif minn dawk tal-ECHR illi sabiex piena (jew trattament) titqies inumana jew degradanti, is-sofferenza u l-umiljazzjoni li ggib tkun bil-bosta akbar mis-sofferenza u umiljazzjoni li huma konsegwenza naturali ta` piena legittima.

L-ECHR ma tintromettix ruhha fil-pieni li l-Istat Membru tal-Konvenzjoni jaghzel li jimponi ghal reati domestici ghaliex l-Istat Membru ghandu margni ta` apprezzament illi l-ECHR dejjem irrikonoxxiet li ghandu kull Stat Membru.

Ghalhekk il-fatt illi fl-Italja, l-Istat mnejn jorigina r-rikorrent, ghandha legislazzjoni fejn – skond hu – l-piena ghall-koltivazzjoni tal-Cannabis hija differenti mill-piena ghal traffikar ma jistax ikollu nfluwenza – naha jew ohra – fuq il-procediment tal-lum.

Il-fatt illi fil-fehma tar-rikorrent il-piena ghall-koltivazzjoni hija harxa wisq mill-ottika tieghu mhijiex konsiderazzjoni li ghandha piz fil-konsiderazzjoni tal-allegati vjolazzjoni tal-Art 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 3 tal-Konvenzjoni billi dik tar-rikorrent hija konsiderazzjoni soggettiva.

Kif josserva **<u>Facett</u>** fil-pag 42 tal-ktieb tieghu : *The Application of the European Convention on Human Rights* : Edizzjoni 1987 : *Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence.*

Kif josservaw **<u>Harris, O`Boyle & Warbrick</u>** fil-pag 75 tal-ktieb : *Law of the European Convention on Human Rights* : *Third Edition* : *Ill-treatment `must attain a minimum level of severity` if it is to amount to inhuman treatment contrary to Article 3. In particular, it must `cause either actual bodily harm or*

*intense physical or mental suffering`. Where relevant the suffering caused must* go *beyond that inevitable element of suffering` that results from a `given form of legitimate treatment or punishment`.*

Meta l-Qorti hadet kont ta` kollox, in partikolari l-aspetti **<u>oggettivi</u>** tal-kwistjoni, mhijiex tirriskontra trattament inuman u/jew degradanti fir-ragunijiet li gab ir-rikorrent biex isostni l-lanjanza tieghu. Bil-fatt li l-piena ghall-koltivazzjoni tal-Cannabis hija l-istess bhall-piena ghal traffikar tad-droga mhuwiex prova ta` trattament inuman u/jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent. Sabiex trattament jitqies inuman, u allura sabiex il-piena titqies inumana, is-sofferenza mentali jew fizika li ggib maghha dik il-piena trid tkun tant severa li tinnecessita l-intervent tal-qorti. Sabiex trattament ikun degradanti, irid ta` bilfors jumilja gravement lill-persuna quddiem l-ohrajn jew iggieghlu jagixxi kontra l-volonta` jew il-kuxjenza tieghu. Fil-kaz tal-lum, l-ekwiparazzjoni tal-piena m`ghandhiex dawn il-konsegwenzi. Piena karcerarja dejjem iggib maghha konsegwenzi pero` dak ma jfissirx li l-piena hija *out of proportion.* Wara l-kundanna, u waqt li tkun qeghda tigi skontata l-piena, l-Istat ikun u jibqa` obbligat li jiggarantixxi d-dinjita` tal-persuna karcerata.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni, tiddikjara li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrent, u ghalhekk tillibera lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni.**

**Tichad it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------